



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13483/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0339 (NLE)

AVIATION 222
RELEX 949
ISR 7

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-IŻRAEL STABBILIT MILL-FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU DWAR L-AVJAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MIN-NAĦA L-WAĦDA, U L-GVERN TAL-ISTAT TA' IŻRAEL, MIN-NAĦA L-OĦRA li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru 1/ ...TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-IŻRAEL
STABBILIT MILL-FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU DWAR L-AVJAZZJONI
BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA,
MIN-NAĦA L-WAĦDA,
U L-GVERN TAL-ISTAT TA' IŻRAEL, MIN-NAĦA L-OĦRA**

ta' ...

li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-IŻRAEL,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-waħda u l-Istat ta' Iżrael min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(3) tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

¹ ĠU UE L 208, 2.8.2013, p. 3.

Artikolu Uniku

B'dan, ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt meħmuża ma' din id-Deċiżjoni huma adottati.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Konġunt,

Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea

Il-Kap tad-Delegazzjoni

tal-gvern tal-Istat tal-Iżrael

ANNEX

REGOLI TA' PROĊEDURA

Artikolu 1

Kapijiet tad-Delegazzjoni

1. Kif previst fl-Artikolu 22(1) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti.
2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun presedut b'mod konġunt mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 2

Laqgħat

1. Skont l-Artikolu 22(4) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kif u meta jkun meħtieġ u talanqas darba fis-sena. Kull waħda mill-Partijiet Kontraenti tista' titlob li titlaqqà laqgħa.
2. Il-Kumitat Konġunt jista' jorganizza laqgħat wiċċ imb wiċċ jew permezz ta' mezzi oħra (eż. telekonferenzi jew vidjokonferenzi).

3. Il-laqgħat isiru, kemm jista' jkun, b'mod alternat bejn post fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u l-Iżrael, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet Kontraenti.
4. Ladarba l-Partijiet Kontraenti jkunu qablu dwar id-data u l-post tal-laqgħat, il-laqgħat jissejħu mill-Kummissjoni Ewropea għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Iżrael għall-Iżrael.
5. Sakemm ma jiġix maqbul mod ieħor mill-Partijiet Kontraenti, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi. Jekk ikun meħtieġ, tista' tiġi abbozzata stqarrija għall-istampa bi qbil reċiproku fi tmiem il-laqgħa.

Artikolu 3

Delegazzjonijiet

1. Qabel kull laqgħa, il-Kapijiet tad-Delegazzjoni għandhom jinformaw lil xulxin dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet tagħhom għall-laqgħa.
2. Ir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati tal-industrija tat-trasport bl-ajru jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat bħala osservaturi, jekk il-Kumitat Konġunt ikun jaqbel li jsir hekk.
3. Il-Kumitat Konġunt jista' jistieden lil partijiet interessati jew lil esperti oħra biex jattendu l-laqgħat sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti partikolari.

Artikolu 4
Segretarjat

Is-segretarji tal-Kumitat Konġunt se jkunu uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Iżrael, li għandhom jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 5
L-aġendi tal-laqgħat

1. Il-Kapijiet tad-Delegazzjoni għandhom jistabbilixxu l-aġenda proviżorja ta' kull laqgħa bi ftehim reċiproku. L-aġenda proviżorja għandha tintbagħat mis-segretarji lill-membri tad-delegazzjonijiet mhux aktar tard minn ħmistax-il jum qabel id-data tal-laqgħa.
2. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta l-aġenda fil-bidu ta' kull laqgħa. Punti oħra minbarra dawk li jkunu jidhru fl-aġenda proviżorja jistgħu jiġu inklużi fl-aġenda jekk il-Kumitat Konġunt jaqbel li jsir hekk.
3. Il-Kapijiet tad-Delegazzjoni jistgħu jqassru l-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-bżonnijiet jew l-urġenza ta' kwistjoni partikolari.

Artikolu 6

Minuti

1. L-abbozzi tal-Minuti ta' kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandhom jitfasslu wara kull laqgħa. Huma għandhom jindikaw il-punti diskussi u kwalunkwe rakkomandazzjoni magħmula u deċiżjonijiet adottati.
2. Meta jintlaħaq qbil dwarhom, il-Minuti għandhom jiġu ffirmati f'żewġ kopji mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni u għandha tiġi ppreżentata kopja oriġinali waħda minn kull waħda mill-Partijiet Kontraenti. Il-Kapijiet tad-Delegazzjoni jistgħu jiddeċiedu li l-iffirmar u l-iskambju ta' kopji elettroniċi jissodisfaw dan ir-rekwiżit.
3. Il-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi sakemm ma jkunx mitlub mod ieħor minn waħda mill-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 7

Proċedura bil-miktub

Meta jkunu meħtieġa, u debitament motivati, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt jistgħu jiġu adottati permezz ta' proċedura bil-miktub. Għal dak il-għan, il-Kapijiet tad-Delegazzjoni għandhom jiskambjaw l-abbozz ta' miżuri li dwarhom tintalab l-opinjoni tal-Kumitat Konġunt, li mbagħad jistgħu jiġu kkonfermati permezz ta' skambju ta' korrispondenza. Madankollu, kwalunkwe Parti Kontraenti tista' titlob li l-Kumitat Konġunt jitlaqqa' biex tiġi diskussa l-kwistjoni.

Artikolu 8
Deliberazzjonijiet

1. Il-Kumitat Konġunt għandui jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu u jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' kunsens.
2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandu jkollhom it-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament u għandhom ikunu segwiti b' numru tas-serje, bid-data tal-adozzjoni tagħhom u b' deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom.
3. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu ffirmati mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni u jiġu mehmuża mal-Minuti.
4. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt għandhom jiġu implimentati mill-Partijiet Kontraenti skont il-proċeduri interni tagħhom stess.
5. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt jistgħu jiġu ppubblikati mill-Partijiet Kontraenti fil-pubblikazzjonijiet uffiċjali rispettivi tagħhom. Kull Parti Kontraenti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe att ieħor li jiġi adottat mill-Kumitat Konġunt. Kopja oriġinali waħda tad-deċiżjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet għandha tiġi arkivjata minn kull waħda mill-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 9
Gruppi ta' Ħidma

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma biex jassistu lill-Kumitat Konġunt fit-twettiq ta' dmirijietu. It-termini ta' referenza għal grupp ta' ħidma għandhom jtnizzlu f'Anness tad-deċiżjoni li twaqqaf il-grupp ta' ħidma.
2. Il-gruppi ta' ħidma għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti.
3. Il-grupp ta' ħidma jgħandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat Konġunt u jirrapportawlu wara kull laqgħa li jkollhom. Dawn ma għandhomx jieħdu deċiżjonijiet iżda jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt.
4. Fi kwalunkwe ħin, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jabolixxi gruppi ta' ħidma eżistenti, li jimmodifika t-termini ta' referenza tagħhom jew li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma ġodda biex jgħinuh fil-qadi tal-kompiti tiegħu.

Artikolu 10

Spejjeż

1. Kull waħda mill-Partijiet Kontraenti għandha tħallas l-ispejjeż relatati mal-parteciċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt u tal-gruppi ta' ħidma, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u l-ispejjeż tal-għajxien kif ukoll tal-ispejjeż tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet.
2. Kull spiża oħra relatata mal-organizzazzjoni materjali tal-laqgħat għandhom jitħallsu mill-Parti Kontraenti li tkun qed tospita l-laqgħa.

Artikolu 11

Emendi għar-Regoli ta' Proċedura

Fi kwalunkwe ħin il-Kumitat Konġunt jista' jemenda dawn ir-Regoli ta' Proċedura permezz ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 22 ta' dan il-Ftehim.